MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2014

Numru 709/2014

Il-Pulizija

Spettur Jason Francis Sultana

vs

Anthony Gatt

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni kontra l-imputat ta' karta tal-identita' 484752M residenti gewwa Sliema akkuzat talli:

1. fit-8 ta' Dicembru 2012 ghall-habta tas-07:30 gewwa Manoel Island, l-Gzira, volontarjamnet hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe l-vettura tal-ghamla Maruti u jew parti ohra minna, bin-numru tar-registrazzjoni BBB 659 liema ammont ta' hsara ma tiskorrix elf mija u erbgha u

sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69), imam huwa izjed minn mija u sittax il-ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) ghad-dannu ta’ Mario Portelli, dan bi ksur ta’ Artikolu 325 (1)(b), 325A(1) ta’ Kap 9;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghat lill-imputat jammetti l-akkuzi f’liema ammissjoni baqa’ jinsisti anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum;

Konsegwentament, tiddeciedi li tillibera lill-imputat bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghall-perjodu ta’ tlett snin mill-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabilitajiet tieghi skond is-sentenza.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------